

2020

# ĦARSA LEJN IL-BEI

Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

Minn enerġija nadifa fl-Estonja għal ilma tax-xorb fil-Lesoto jew sptar aħjar fil-Kroazja, il-Bank Ewropew tal-Investiment kull sena jtejjeb miljuni ta' ħajjiet.

Bħala l-bank tal-klima tal-Ewropa, aħna qed ngħinu lid-dinja biex timxi mal-Ftehim ta' Pariġi u tilħaq l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli. Inwiegħdu li noħolqu €1 triljun f'investiment għall-klima matul id-deċennju li jmiss.

Sa mill-1958, ipprovdejna self u konsulenza esperta għal eluf ta' proġetti f'aktar minn 160 pajjiż. Aħna ninvestu fil-ġejjieni tal-Ewropa billi naħdmu id f'id mal-Kummissjoni Ewropea u ħafna istituzzjonijiet oħra.

Bħala l-akbar sellief multilaterali u l-aktar wieħed ekoloġiku, aħna ngħinu lill-ekonomiji jiffjorixxu, joħolqu impjiegi u jippromwovu l-ugwaljanza. Inkejlu l-ħidma tagħna skont kemm tgħin lis-soċjetà peress li għal kull investiment, intejbu xi ħajja.



F'Rijeka, il-Kroazja, l-isptar il-ġdid Mother and Child qed jiffaċilita l-ħajja għal 600 000 persuna. Huwa appoġġjat minn self mill-BEI flimkien ma' appoġġ ta' konsulenza mill-BEI u l-Kummissjoni Ewropea.

# L-impatt tagħna fl-2019

| | |
|---|---|
| €280 biljun | f'investiment appoġġjat minn attivitajiet tal-BEI |
| €72.2 biljun | ta' finanzjament mill-Grupp tal-BEI |
| 1 095 | proġett iffirmat |
| €50.3 biljun | miġbura fis-swieq tal-bonds |
| Aktar minn **€25 biljun** | f'finanzjament għal negozji iżgħar |
| Aktar minn **€19-il biljun** | għall-azzjoni għall-klima |
| Aktar minn **€16-il biljun** | għall-ħarsien tal-ambjent |
| Aktar minn **€14-il biljun** | biex l-innovazzjoni tingħata spinta |
| 4.4 miljun | impjieg sostnut f'negozji żgħar |
| 10 miljun | persuna b'ilma tajjeb għax-xorb aktar sigur |
| 12-il miljun | persuna li qed jirċievu kura tas-saħħa aħjar |
| 7.4 miljun | ta' unitajiet domestiċi konnessi mal-elettriku |
| 117-il miljun | persuna li qed jirċievu konnessjonijiet tal-mowbajl aħjar |
| 631 miljun | vjaġġ addizzjonali bit-trasport pubbliku |
| 1.7 miljun | persuna li qed jiffaċċjaw riskju mnaqqas ta' għargħar |
| 5.1 miljun | $m^2$ ta' bini effiċjenti fl-enerġija |



Il-proġetti appoġġjati mill-BEI fl-2019 se jipproduċu 13 177 MW ta' enerġija, li hija biżżejjed biex tagħti provvista lil 7.4 miljun unità domestika.

# Il-Klima

Il-klima hija l-akbar sfida tal-ġenerazzjoni tagħna. Se tiddetermina l-benesseri u l-istennija tal-għomor ta' uliedna. L-għanijiet tal-klima u tal-enerġija tagħna qed jissettjaw standards ġodda fl-Ewropa u lil hinn minnha. Fil-futur qrib, mhux se nibqgħu nappoġġjaw il-karburanti fossili u se niddedikaw 50% tal-investimenti tagħna għall-azzjoni għall-klima u s-sostenibbiltà.

Se ngħinu biex jiġu affrontati l-effetti tal-bidla fil-klima fuq komunitajiet vulnerabbli, biex nipproteġu l-bijodiversità u nippromwovu biedja sostenibbli. Nippreżervaw ukoll ir-riżorsi naturali u qed nagħmlu l-ambjent post sigur għall-ġenerazzjonijiet futuri. Naħsbu dwar il-klima f'dak kollu li nagħmlu. Kull proġett li nappoġġjaw għall-innovazzjoni, in-negozji ż-żgħar jew l-infrastruttura jridu jissodisfaw l-għanijiet tal-klima tagħna.



Bl-appoġġ tal-BEI, il-kumpanija Estona Elcogen qed tipprovdi elettriku effiċjenti u nadif ibbażat fuq ċelluli tal-fjuwil għas-suq tal-massa.

# L-Innovazzjoni

L-innovazzjoni żżomm lill-Ewropa kompetittiva u toħloq impjiegi b'valur għoli. Permezz tal-Grupp tal-BEI, il-kumpaniji Ewropej joħolqu teknoloġija tal-ogħla livell. Bis-saħħa tagħna, ideat mill-aktar avvanzati jirnexxu fin-negozju.

Il-Bank jappoġġja r-riċerka u l-iżvilupp fuq skala kbira kif ukoll ditti speċjalizzati żgħar. L-investimenti tagħna f'setturi bħat-telekomunikazzjoni, l-avjazzjoni, il-mediċina u d-diġitalizzazzjoni huma siġill ta' approvazzjoni li jattira finanzjament addizzjonali mis-settur privat.

Aħna nappoġġjaw bosta stadji tal-innovazzjoni. Bis-saħħa ta' self mill-Bank, l-universitajiet jistgħu jibnu u jespandu l-faċilitajiet tar-riċerka tagħhom, u kumpaniji fl-istadju tal-bidu jistgħu jżidu l-persunal tagħhom u jtejbu t-tagħmir tagħhom. Aħna nrawmu l-ideat fl-imħuħ tan-nies biex id-dinja ssir post aħjar fejn ngħixu.



Fl-Italja, proġett pijunier bejn il-BEI u Unicredit jappoġġja bosta mijiet ta' negozji innovattivi mmexxija minn nisa.

# Inklużjoni

Il-Bank joffri firxa wiesgħa ta' prodotti finanzjarji b'termini favorevoli. Aħna nsellfu lis-setturi pubbliċi u privati. Aħna nagħtu s-setgħa lil negozji żgħar u liż-żgħażagħ. Nappoġġjaw intraprendituri nisa billi nagħtuhom aċċess għal self u pożizzjonijiet ta’ tmexxija. Nagħmluha possibbli li s-setturi tal-popolazzjoni bi dħul baxx, dawk li jaħdmu għal rashom u l-mikrointrapriżi jiksbu finanzjament u konsulenza dwar in-negozju. Niżguraw li ħadd ma jibqa’ lura.

Il-BEI ma jsellifx aktar minn nofs tal-ispiża ta’ proġett. B’dan il-mod, naġixxu bħala katalista biex is-settur privat ikun aktar involut, biex jiżdied il-livell tal-investiment għall-proġetti. Noffru wkoll assistenza teknika biex niżguraw li proġett jirnexxi.



Bis-saħħa ta' proġett ta' żvilupp tal-BEI f'Lesoto, l-Afrika, qed jinġieb ilma nadif tajjeb għax-xorb u s-sanità għal 300 000 persuna f'bosta partijiet tal-pjanuri.

# Sostenibbiltà

Il-BEI jiġbor il-flus billi joħroġ bonds fuq swieq kapitali internazzjonali. Minħabba l-klassifikazzjoni ta' kreditu eċċellenti tagħna nistgħu niġbru fondi b'termini favorevoli. Aħna ngħaddu dawn il-benefiċċji lill-klijenti.

L-esperti tas-swieq kapitali tagħna ħolqu u żviluppaw is-suq tal-bonds ekoloġiċi u ta' sostenibbiltà. Issa aħna l-akbar emittent sovranazzjonali ta' bonds ekoloġiċi. Dawn il-bonds jappoġġjaw l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, l-ilma nadif u s-sanità. Naraw li l-finanzjament sostenibbli jiffunzjona.

# Impenn

Aħna trasparenti u nieħdu r-responsabbiltà għall-attivitajiet kollha tagħna. Aħna sieħeb eċċellenti minħabba l-istandards ambjentali u soċjali għoljin tagħna. Għandna persunal impenjat u divers ferm ikkwalifikat li jikkonsisti f'ekonomisti, inġiniera, analisti finanzjarji u speċjalisti dwar il-klima li jaħdmu ta' kuljum ma' esperti lokali, istituzzjonijiet u gvernijiet madwar id-dinja.

Għal aktar tagħrif dwar dak li noffru,
żur **www.eib.org/products.**

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment**
info@eib.org
**www.eib.org**

Bank Ewropew tal-Investiment
*il-bank tal-UE*

#BelieveInSmall

Il-Grupp tal-BEI jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI).

Il-BEI huwa l-bank tal-Unjoni Ewropea. Huwa l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja. Ibbażat fil-Lussemburgu, il-BEI għandu netwerk kbir ta' uffiċċji lokali u reġjonali fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Il-FEI jappoġġja n-negozji ż-żgħar billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament fl-Ewropa u f'għadd ta' pajjiżi barra mill-Ewropa. Il-FEI ifassal u jiżviluppa kapital ta' riskju u tkabbir, garanziji u strumenti ta' mikrofinanzjament għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-impjiegi.

© Bank Ewropew tal-Investiment, 2020
Ritratti: GettyImages, Shutterstock

Stampat fuq Condat Silk FSC Mix.
Il-BEI juża karta ċċertifikata mill-Forest Stewardship Council (FSC).
Għaliex huwa magħmul minn persuni li jogħġbuhom is-siġar.

Stampat minn Imprimerie Centrale

FSC www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C103749

02/2020
print: QH-04-20-021-MT-C ISBN 978-92-861-4556-8 doi:10.2867/04601
pdf: QH-04-20-021-MT-N ISBN 978-92-861-4520-9 doi:10.2867/90065